REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/862

tal-1 ta' Ġunju 2022

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 fir-rigward tal-lista ta' trasportaturi tal-ajru li huma pprojbiti milli joperaw jew li huma soġġetti għal restrizzjonijiet operattivi fl-Unjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tat-trasportatur tal-ajru li jopera, u li tħassar l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/36/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 ([2]) jistabbilixxi l-lista tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni.

(2) Ċerti Stati Membri u l-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea ("l-Aġenzija") għaddew lill-Kummissjoni informazzjoni li hija rilevanti għall-aġġornament ta' dik il-lista, skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005. Pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali wkoll ipprovdew informazzjoni rilevanti. Jenħtieġ li l-lista tiġi aġġornata abbażi tal-informazzjoni pprovduta.

(3) Il-Kummissjoni infurmat lit-trasportaturi tal-ajru kollha kkonċernati, direttament jew permezz tal-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza regolatorja tagħhom, dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li jiffurmaw il-bażi ta' deċiżjoni li timponilhom projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni jew li timmodifika l-kundizzjonijiet ta' projbizzjoni fuq l-operat imposta fuq trasportatur tal-ajru li jkun inkluż fil-lista stabbilita fl-Annessi A jew B tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(4) Il-Kummissjoni tat l-opportunità lit-trasportaturi tal-ajru kkonċernati biex jikkonsultaw id-dokumentazzjoni rilevanti kollha, jissottomettu kummenti bil-miktub u jagħmlu preżentazzjoni orali lill-Kummissjoni u lill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 (il-"Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE").

(5) Il-Kummissjoni infurmat lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE dwar il-konsultazzjonijiet konġunti li għaddejjin, fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 473/2006 ([3]), mal-awtoritajiet kompetenti u mat-trasportaturi tal-ajru tal-Armenja, tal-Iraq, tal-Każakistan, tal-Moldova, tal-Pakistan, tar-Russja u tas-Sudan t'Isfel. Il-Kummissjoni infurmat ukoll lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE dwar is-sitwazzjoni tal-avjazzjoni fil-Kongo (Brazzaville), fil-Guinea Ekwatorjali, f'Madagascar u fis-Suriname.

(6) L-Aġenzija infurmat lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE dwar il-valutazzjonijiet tekniċi mwettqa għall-evalwazzjoni inizjali u l-monitoraġġ kontinwu tal-awtorizzazzjonijiet minn operaturi ta' pajjiżi terzi ("TCO"), maħruġa skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 452/2014 ([4]).

([1]) ĠU L 344, 27.12.2005, p. 15.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 tat-22 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità skont il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 84, 23.3.2006, p. 14).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 473/2006 tat-22 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għal-lista Komunitarja ta' trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità kif jissemma fil-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 84, 23.3.2006, p. 8).

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 452/2014 tad-29 ta' April 2014 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet tal-ajru ta' pajjiżi terzi skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 133, 6.5.2014, p. 12).

(7) L-Aġenzija infurmat ukoll lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE dwar ir-riżultati tal-analiżi tal-ispezzjonijiet fir-rampa li twettqu fil-kuntest tal-programm tal-Valutazzjoni tas-Sikurezza tal-Inġenji tal-Ajru Barranin ("SAFA"), f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 ([5]).

(8) Barra minn hekk, l-Aġenzija infurmat lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE dwar il-proġetti ta' assistenza teknika li saru fil-pajjiżi terzi milqutin minn projbizzjoni fuq l-operat skont ir-Regolament (KE) Nru 474/2006. Barra minn hekk, l-Aġenzija pprovdiet informazzjoni dwar il-pjanijiet u t-talbiet għal iktar assistenza teknika u kooperazzjoni biex tittejjeb il-kapaċità amministrattiva u teknika potenzjali tal-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili fil-pajjiżi terzi, bl-għan li dawn jiġu megħjuna jsolvu n-nuqqas ta' konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili applikabbli. L-Istati Membri ġew mistiedna jirrispondu għal tali talbiet fuq bażi bilaterali, b'koordinazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Aġenzija. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni saħqet mill-ġdid fuq is-siwi tal-għoti ta' informazzjoni lill-komunità internazzjonali tal-avjazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-għodda ta' Sħubija tal-Assistenza għall-Implimentazzjoni tas-Sikurezza fl-Avjazzjoni tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ("ICAO"), dwar l-assistenza teknika lil pajjiżi terzi pprovduta mill-Unjoni u mill-Istati Membri sabiex tittejjeb is-sikurezza tal-avjazzjoni mad-dinja kollha.

(9) Il-Eurocontrol ipprovdiet lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE b'aġġornament dwar l-istatus tal-funzjonijiet ta' allarm tas-SAFA u tat-TCO, inkluż l-istatistika dwar il-messaġġi ta' allert għat-trasportaturi tal-ajru pprojbiti.

Trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni

(10) Wara l-analiżi mill-Aġenzija tal-informazzjoni li ħarġet mill-ispezzjonijiet fir-rampa li twettqu fuq l-inġenji tal-ajru tat-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni, kif ukoll mill-ispezzjonijiet ta' standardizzazzjoni li twettqu mill-Aġenzija, ikkomplementata wkoll bl-informazzjoni li rriżultat minn spezzjonijiet u awditi speċifiċi li twettqu mill-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni, diversi Stati Membri u l-Aġenzija, fir-rwol ta' awtoritajiet kompetenti, ħadu ċerti miżuri korrettivi u ta' infurzar u infurmaw lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE dwar dawk il-miżuri.

(11) L-Istati Membri u l-Aġenzija, fir-rwol ta' awtoritajiet kompetenti, saħqu mill-ġdid li lesti jaġixxu kif meħtieġ f'każ li informazzjoni pertinenti dwar is-sikurezza tkun tindika li jkun hemm riskji imminenti għas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità min-naħa tat-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni ma' standards tas-sikurezza rilevanti.

Trasportaturi tal-ajru mill-Armenja

(12) F'Ġunju 2020, it-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fl-Armenja ġew inklużi fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/736 ([6]).

(13) Fid-29 ta' April 2022, il-Kummissjoni, l-Aġenzija, l-Istati Membri u l-Kumitat tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Armenja ("CAC") kellhom laqgħa teknika, li matulha s-CAC ipprovda aġġornament dwar il-miżuri li ttieħdu minn meta saret il-laqgħa teknika tat-3 ta' Novembru 2021 biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet tas-sikurezza identifikati. Il-miżuri ewlenin huma l-emendar tal-leġiżlazzjoni tiegħu dwar l-avjazzjoni ċivili u tar-regolamenti ta' appoġġ, it-titjib relatat mal-istruttura u l-persunal tas-CAC, u l-aġġornament tas-sistema tas-CAC għall-ġestjoni tal-kwalifiki u tat-taħriġ tal-ispetturi tiegħu, inkluż taħriġ addizzjonali inizjali, rikorrenti u fuq il-post tax-xogħol. Barra minn hekk, is-CAC spjega li żviluppa proċeduri ta' sorveljanza u listi ta' kontroll addizzjonali f'diversi oqsma, u abbozza l-pjan nazzjonali għas-sikurezza tal-avjazzjoni u r-regolament dwar ir-rapportar tal-okkorrenzi tas-sikurezza, li t-tnejn li huma għandhom jiġu adottati fl-2022. Dan il-materjal kollu se jiġi skrutinizzat bir-reqqa mill-Kummissjoni u mill-Aġenzija.

([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. (ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/736 tat-2 ta' Ġunju 2020 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 fir-rigward tal-lista ta' trasportaturi tal-ajru li huma pprojbiti milli joperaw jew li huma soġġetti għal restrizzjonijiet operattivi fl-Unjoni (ĠU L 172, 3.6.2020, p. 7).

(14) Is-CAC ipprovda aġġornament tal-miżuri li ttieħdu b'rabta mal-pjan ta' azzjoni korrettiva ("CAP") tiegħu fir-rigward tal-osservazzjonijiet li saru matul iż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post mill-Unjoni fl-2020. Dawn il-miżuri kienu jinkludu l-aġġornament tal-proċessi tal-ippjanar u tat-taħriġ tar-riżorsi umani, ta' diversi proċeduri u listi ta' kontroll biex itejbu l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-sikurezza tiegħu, l-implimentazzjoni ta' bażi tad-*data* elettronika b'appoġġ għall-attivitajiet ta' sorveljanza tiegħu, u l-iżvilupp tas-sistema tiegħu ta' rapportar tal-okkorrenzi tas-sikurezza.

(15) Barra minn hekk, bħala parti mill-isforzi tal-Unjoni biex tassisti lis-CAC fl-indirizzar tal-ħtiġijiet tiegħu għat-titjib tas-sikurezza tal-avjazzjoni, f'Marzu 2022, l-Aġenzija nediet proġett tekniku ddedikat li għandu l-għan li jsaħħaħ is-sorveljanza tas-sikurezza tas-CAC fl-oqsma tal-Operazzjonijiet bl-Ajru u tal-Ajrunavigabbiltà.

(16) Abbażi tal-informazzjoni kollha disponibbli, huwa meqjus li s-CAC għamel xi titjib notevoli fil-kapaċità tiegħu ta' sorveljanza tas-sikurezza. Huwa rikonoxxut ukoll li s-CAC jidher impenjat li jkompli bl-isforzi tiegħu biex jiżviluppa aktar il-kapaċitajiet ta' sorveljanza tiegħu u r-riżoluzzjoni tat-tħassib identifikat dwar is-sikurezza. Minkejja dawn l-iżviluppi pożittivi, bħalissa ma hemmx biżżejjed evidenza sostanzjata minħabba li s-CAC indirizza b'mod effettiv in-nuqqasijiet kollha li ġew identifikati matul iż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post fi Frar 2020 li wasslet għad-deċiżjoni li tiġi imposta projbizzjoni fuq l-operat skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/736. L-informazzjoni pprovduta dwar it-titjib potenzjali teħtieġ verifika ulterjuri permezz ta' laqgħat tekniċi addizzjonali, u possibbilment permezz ta' konferma fuq il-post.

(17) F'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li bħalissa ma hemm l-ebda raġuni biex tiġi emendata l-lista tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mill-Armenja.

(18) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fl-Armenja mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa ta' dawk it-trasportaturi tal-ajru, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

Trasportaturi tal-ajru mill-Iraq

(19) F'Diċembru 2015, it-trasportatur tal-ajru *Iraqi Airways* ġie inkluż fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2322 ([7]).

(20) Fi Frar 2022, l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Iraq ("ICAA") u l-*Iraqi Airways* ippreżentaw lill-Kummissjoni informazzjoni dwar l-azzjonijiet u l-miżuri li ttieħdu biex itejbu s-sistemi u l-kapaċitajiet tagħhom ta' sorveljanza u ġestjoni tas-sikurezza. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni tinnota li sar xi progress biex jiġi indirizzat it-tħassib identifikat dwar is-sikurezza. Madankollu ġew identifikati ċerti nuqqasijiet, li jinkludu l-kwalità tal-listi ta' kontroll użati mill-ispetturi tal-ICAA għall-proċessi taċ-ċertifikazzjoni u tas-sorveljanza, kif ukoll il-pjan ta' taħriġ tal-ICAA u l-implimentazzjoni tiegħu. Il-valutazzjoni tar-riżultati tas-sorveljanza tal-ICAA identifikat diversi nuqqasijiet, b'mod partikolari fil-mod kif jiġu mfassla s-sejbiet tas-sorveljanza u kif jiġi żgurat is-segwitu tagħhom. F'dan ir-rigward, ġie nnotat ukoll li ma ttieħdux miżuri ta' infurzar xierqa mill-ispetturi tal-ICAA, meta dan kien meħtieġ.

(21) Il-valutazzjoni tal-informazzjoni pprovduta mill-*Iraqi Airways* uriet li t-trasportatur tal-ajru għamel progress sinifikanti f'oqsma differenti. Ġie nnotat li t-trasportatur tal-ajru kien kera s-servizzi ta' konsulent estern għall-fini tal-awditjar tat-trasportatur tal-ajru u għall-iżvilupp ta' CAP, li bħalissa qed jiġi implimentat.

(22) Inbeda Programm ta' Monitoraġġ tad-*Data* tat-Titjira biex ikompli jittejjeb l-ammont ta' *data* li għandha tiġi analizzata u użata għall-iżvilupp ta' miżuri għat-titjib tas-sikurezza. Barra minn hekk, ġiet stabbilita sistema ta' rapportar intern, tnedew laqgħat dwar is-sikurezza fuq livelli strateġiċi differenti, u xi wħud mill-manwali tal-organizzazzjoni ġew rieżaminati.

(23) Minkejja l-progress imsemmi hawn fuq, għad fadal għadd ta' sfidi, inkluż li diversi applikazzjonijiet tas-software għall-manutenzjoni, għall-operazzjonijiet ta' titjir u għall-ġestjoni tad-dokumenti għad iridu jiġu installati. It-trasportatur tal-ajru jeħtieġ ukoll li jtejjeb il-funzjonijiet u l-proċeduri tiegħu relatati mal-indirizzar tas-sejbiet tas-sorveljanza identifikati mill-ICAA. Barra minn hekk, filwaqt li l-*Iraqi Airways* żviluppa Sistema ta' Ġestjoni tal-Kwalità ("QMS"), jidher li mhuwiex kapaċi jwettaq segwitu xieraq tas-sejbiet kollha indikati b'din is-sistema.

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2322 tal-10 ta' Diċembru 2015 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità (ĠU L 328, 12.12.2015, p. 67).

(24) Fl-14 ta' Diċembru 2021 u fl-4 ta' Mejju 2022, fuq talba tal-Iraq u bħala parti mill-attivitajiet ta' monitoraġġ kontinwu tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni, l-Aġenzija, l-ICAA u l-*Iraqi Airways* kellhom żewġ laqgħat tekniċi. Fiż-żewġ okkażjonijiet, l-ICAA ppreżentat il-progress li għamlet fl-indirizzar tat-tħassib dwar is-sikurezza fir-rigward tal-kapaċità tagħha li tiżgura s-sorveljanza effettiva tas-sikurezza fil-pajjiż, u b'mod partikolari fir-rigward tas-sorveljanza tal-*Iraqi Airways*. L-*Iraqi Airways* ippreżenta l-progress li sar sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet tas-sikurezza identifikati preċedentement li eventwalment wasslu għal deċiżjoni negattiva tat-TCO li ġiet adottata mill-Aġenzija, kif ukoll żviluppi assoċjati oħra għat-titjib tas-sikurezza.

(25) L-ICAA u l-*Iraqi Airways* urew viżjoni u ambizzjoni ċari biex itejbu l-konformità regolatorja u l-prestazzjoni tas-sikurezza tagħhom. Madankollu, għad hemm bżonn ta' titjib addizzjonali. Il-Kummissjoni se tkompli tikkollabora mal-ICAA u l-*Iraqi Airways* biex timmonitorja u tikkontribwixxi għall-isforzi tagħhom biex itejbu s-sorveljanza tas-sikurezza u l-kapaċitajiet ta' ġestjoni tagħhom. F'dan il-kuntest, ġie nnotat li l-Aġenzija se tniedi proġett ta' assistenza teknika matul l-2022 biex tappoġġa lill-ICAA fl-isforzi tagħha biex ittejjeb is-sorveljanza tas-sikurezza tal-avjazzjoni fl-Iraq.

(26) F'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li bħalissa ma hemm l-ebda raġuni biex tiġi emendata l-lista tat-trasportaturi tal-ajru, li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mill-Iraq.

(27) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fl-Iraq mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa ta' dawk it-trasportaturi tal-ajru, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(28) Meta kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar is-sikurezza tiżvela riskji imminenti għas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti, jista' jkun li tkun meħtieġa azzjoni ulterjuri mill-Kummissjoni, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

Trasportaturi tal-ajru mill-Każakistan

(29) F'Diċembru 2016, it-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Każakistan tneħħew mill-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2214 ([8]), bl-eċċezzjoni ta' *Air Astana*, li kien tneħħa mill-Anness B fl-2015 permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2322.

(30) F'Ottubru 2021, bħala parti mill-monitoraġġ kontinwu mill-Kummissjoni tas-sistema ta' sorveljanza tas-sikurezza fil-Każakistan, l-esperti mill-Kummissjoni, mill-Aġenzija u mill-Istati Membri (it-"tim ta' valutazzjoni") wettqu żjara ta' valutazzjoni fuq il-post mill-Unjoni fil-Każakistan għand l-uffiċċji tal-Kumitat tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Każakistan ("CAC KZ"), u għand l-Aviation Administration of Kazakhstan Joint Stock Company ("AAK"), kif ukoll għand l-uffiċċji ta' tliet trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Każakistan, jiġifieri *Air Astana*, *Jupiter Jet* u *Qazaq Air*.

(31) Fit-2 ta' Frar 2022, l-AAK ippreżenta pjan ta' azzjoni ta' korrezzjoni (CAP - correction action plan) lill-Kummissjoni biex jindirizza n-nuqqasijiet osservati u rrapportati mit-tim ta' valutazzjoni. Il-Kummissjoni, flimkien mal-Aġenzija, ivvalutat is-CAP u pprovdiet kummenti u suġġerimenti għal aġġustamenti lis-CAC KZ u lill-AAK.

(32) Fis-27 u t-28 ta' April 2022, il-Kummissjoni, l-Aġenzija, l-Istati Membri u r-rappreżentanti tas-CAC KZ u tal-AAK kellhom laqgħa teknika. L-iskop ta' dik il-laqgħa kien li jiġu rieżaminati l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tas-CAP mis-CAC KZ u mill-AAK, kif ukoll l-azzjonijiet assoċjati mwettqa minnhom biex tiġi żgurata l-konformità effettiva tas-sistema ta' sorveljanza tas-sikurezza tagħhom mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti.

(33) Abbażi tas-CAP ippreżentat u tad-diskussjonijiet u l-evidenza pprovduti waqt il-laqgħa teknika, ġie nnotat li sar progress f'termini tal-indirizzar tal-osservazzjonijiet li saru matul iż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post. Jidher li l-osservazzjonijiet kollha ġew indirizzati sa ċertu punt, u li xi whud minnhom jistgħu jitqiesu magħluqa.

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2214 tat-8 ta' Diċembru 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista ta' trasportaturi tal-ajru li huma pprojbiti milli joperaw jew li huma soġġetti għal restrizzjonijiet operattivi fl-Unjoni (ĠU L 334, 9.12.2016, p. 6).

(34) Mill-laqgħa rriżulta li s-CAC KZ u l-AAK għad iridu jipprovdu lill-Kummissjoni b'aktar kjarifiki u evidenza dwar ċerti azzjonijiet u miżuri li ttieħdu. Il-Kummissjoni talbet ukoll lis-CAC KZ u lill-AAK biex jirrieżaminaw is-CAP billi jkomplu jiżviluppaw l-analiżi tal-kawżi ewlenin tan-nuqqasijiet tas-sikurezza identifikati matul iż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post mill-Unjoni, bil-għan li din tiġi diskussa fil-laqgħa teknika li jmiss.

(35) Bħala segwitu għad-deliberazzjonijiet tal-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE ta' Novembru 2021, ikkonfermati waqt il-laqgħa teknika ta' April 2022, il-Kummissjoni stiednet lis-CAC KZ, lill-AAK u lit-trasportatur tal-ajru *Air Astana* għal seduta ta' smigħ quddiem il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE fis-17 ta' Mejju 2022.

(36) F'dik is-seduta, is-CAC KZ u l-AAK ippreżentaw lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE b'ħarsa ġenerali tas-sistema fis-seħħ biex tiġi żgurata s-sorveljanza tas-sikurezza tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Każakistan. Huma spjegaw il-pjan nazzjonali ta' żvilupp tas-sikurezza tal-Każakistan, li jinkludi miżuri biex tittejjeb l-effettività tat-trasport bl-ajru tal-Każakistan, inkluż l-implimentazzjoni effettiva tal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti. Barra minn hekk, l-AAK irrapporta dwar l-aħħar żviluppi fir-rigward tal-istruttura organizzattiva tiegħu, id-daqs tal-industrija tal-avjazzjoni fil-Każakistan, kif ukoll ir-riżultati tal-Missjoni ta' Validazzjoni Kkoordinata tal-ICAO li twettqet f'Awwissu 2021.

(37) Filwaqt li enfasizzaw l-impenn tagħhom għal titjib kontinwu, is-CAC KZ u l-AAK ipprovdew lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE b'ħarsa ġenerali komprensiva u dettaljata tal-implimentazzjoni tas-CAP li ġie żviluppat abbażi tar-riżultati taż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post mill-Unjoni f'Ottubru 2021. Dan inkluda l-objettivi strateġiċi ddefiniti għall-futur, bħal emendi għall-qafas legali tal-Każakistan, il-manwali u l-proċeduri tal-AAK, il-kontinwazzjoni tat-titjib tal-QMS tiegħu, u l-implimentazzjoni effettiva ulterjuri tal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti.

(38) Waqt is-seduta, is-CAC KZ u l-AAK impenjaw ruħhom li jżommu lill-Kummissjoni infurmata dwar l-azzjonijiet futuri li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-bqija tal-osservazzjonijiet li kienu saru matul iż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post mill-Unjoni fl-2021. Barra minn hekk, huma impenjaw ruħhom li jwettqu djalogu kontinwu dwar is-sikurezza, inkluż permezz tal-provvista ta' informazzjoni rilevanti dwar is-sikurezza u permezz ta' laqgħat addizzjonali, tal-anqas darbtejn fis-sena, jew meta l-Kummissjoni tqis li dan ikun meħtieġ.

(39) L-evidenza tindika li l-miżuri li twettqu mis-CAC KZ u mill-AAK diġà jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tagħhom biex jissorveljaw l-attivitajiet tal-avjazzjoni fil-Każakistan. Madankollu, huwa meħtieġ aktar titjib fir-rigward tal-kapaċità tagħhom biex jissorveljaw li l-operazzjonijiet minn trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Każakistan jitwettqu f'konformità mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti, inkluż billi jiġi żgurat li dejjem ikun hemm ir-riżorsi xierqa għal tali attivitajiet ta' sorveljanza tas-sikurezza.

(40) Abbażi tal-informazzjoni ppreżentata, jidher li minn Ottubru 2021 is-CAC KZ u l-AAK għamlu progress notevoli fl-implimentazzjoni tal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija urew l-intenzjoni tagħhom li jkomplu jappoġġaw lis-CAC KZ u lill-AAK fl-isforzi tagħhom biex ikomplu jsaħħu s-sistema tas-sikurezza tal-avjazzjoni fil-Każakistan.

(41) Waqt is-seduta, it-trasportatur tal-ajru *Air Astana* ppreżenta ħarsa ġenerali tal-flotta attwali tiegħu u tar-riżorsi u l-faċilitajiet disponibbli. Din iddeskriviet is-Sistema ta' Ġestjoni tas-Sikurezza ("SMS") u l-QMS robusti u ferm żviluppati tiegħu. It-trasportatur tal-ajru nnota li juża sett ta' għodod tas-software sabiex jintegra d-*data* dwar is-sikurezza, il-kwalità u l-ġestjoni tar-riskju, inkluża s-sistema ta' ġestjoni tar-riskju ta' għeja.

(42) Meta ġie mistoqsi mill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE, it-trasportatur tal-ajru ta informazzjoni wkoll dwar l-attivitajiet ta' sorveljanza li l-AAK wettaq fuq *Air Astana* fl-2021-2022, u kkonferma titjib fl-interazzjoni tiegħu mas-CAC KZ u mal-AAK.

(43) Abbażi tad-deliberazzjonijiet tiegħu, il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE wasal għall-konklużjoni li jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari għall-monitoraġġ kontinwu tas-sitwazzjoni tas-sikurezza u tal-iżviluppi tagħha fil-Każakistan, inkluż permezz ta' rapportar regolari dwar il-progress mis-CAC KZ u mill-AAK, u l-possibbiltà li jiġu mistiedna għal seduta oħra f'laqgħa futura tal-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE.

(44) F'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li bħalissa ma hemm l-ebda raġuni biex tiġi emendata l-lista tat-trasportaturi tal-ajru, li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mill-Iraq.

(45) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Każakistan mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa ta' dawk it-trasportaturi tal-ajru kollha, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(46) Meta kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar is-sikurezza tiżvela riskji imminenti għas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti, jista' jkun li tkun meħtieġa azzjoni ulterjuri mill-Kummissjoni, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

Trasportaturi tal-ajru mill-Moldova

(47) F'Novembru 2021, it-trasportaturi tal-ajru mill-Moldova tneħħew mill-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2070 ([9]), bl-eċċezzjoni ta' *Air Moldova*, *Aerotranscargo* u *Fly One*, li qatt ma ġew inklużi la fl-Anness A u lanqas fl-Anness B.

(48) Permezz ta' ittra tal-31 ta' Marzu 2022, l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Moldova ("CAAM") ipprovdiet informazzjoni u aġġornament dwar l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-sikurezza għall-perjodu minn Novembru 2021 sa Marzu 2022. Minbarra l-aġġornament dwar is-CAP żviluppat abbażi taż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post mill-Unjoni f'Settembru 2021, l-informazzjoni pprovduta mis-CAAM kienet tinkludi wkoll aġġornamenti fir-rigward tal-aħħar emendi għall-qafas leġiżlattiv nazzjonali tal-avjazzjoni tal-Moldova.

(49) Il-Kummissjoni, wara li eżaminat l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni li rċeviet, tikkunsidra li l-osservazzjonijiet miftuħa kollha li fadal, li jirriżultaw miż-żjara ta' valutazzjoni fuq il-post ta' Settembru 2021, ġew indirizzati b'suċċess u jistgħu jiġu magħluqa. Fid-dawl tal-progress li sar, il-Kummissjoni tqis li huwa biżżejjed li s-CAAM tibgħat aġġornament annwali sakemm ma jkunx il-każ li jiġi deċiż mod ieħor.

(50) F'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li bħalissa ma hemm l-ebda raġuni biex tiġi emendata l-lista tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mill-Moldova.

(51) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Moldova mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa ta' dawk it-trasportaturi tal-ajru, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(52) Meta kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar is-sikurezza tiżvela riskji imminenti għas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti, jista' jkun li tkun meħtieġa azzjoni ulterjuri mill-Kummissjoni, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

Trasportaturi tal-ajru mill-Pakistan

(53) F'Marzu 2007, *Pakistan International Airlines* ġie inkluż fl-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 474/2006 permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 235/2007 ([10]) u sussegwentement tneħħa f'Novembru 2007 permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1400/2007 ([11]).

(54) Fl-24 ta' Ġunju 2020, dikjarazzjoni mill-Ministru Federali għall-Avjazzjoni tal-Pakistan żvelat li għadd kbir ta' liċenzji ta' bdoti, maħruġa mill-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Pakistan ("PCAA"), inkisbu permezz ta' mezzi frodulenti.

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2070 tal-25 ta' Novembru 2021 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 fir-rigward tal-lista ta' trasportaturi tal-ajru li huma pprojbiti milli joperaw jew li huma soġġetti għal restrizzjonijiet operattivi fl-Unjoni (ĠU L 421, 26.11.2021, p. 31).

([10]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 235/2007 tal-5 ta' Marzu 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' trasportaturi tal-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fi ħdan il-Komunità (ĠU L 66, 6.3.2007, p. 3).

([11]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1400/2007 tat-28 ta' Novembru 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' trasportaturi tal-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fi ħdan il-Komunità (ĠU L 311, 29.11.2007, p. 12).

(55) Dak l-avveniment, u n-nuqqas apparenti ta' sorveljanza tas-sikurezza effettiva mill-PCAA, wasslu biex l-Aġenzija tissospendi l-awtorizzazzjonijiet tat-TCO ta' *Pakistan International Airlines* u ta' *Vision Air* b'effett mill-1 ta' Lulju 2020.

(56) Fl-1 ta' Lulju 2020, il-Kummissjoni fetħet konsultazzjonijiet mal-PCAA skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 473/2006. F'dak il-kuntest, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Aġenzija u l-Istati Membri, organizzat għadd ta' laqgħat tekniċi mal-PCAA fid-9 ta' Lulju u l-25 ta' Settembru 2020, fil-15 u s-16 ta' Marzu 2021, fil-15 ta' Ottubru 2021 u fis-16 ta' Marzu 2022 rispettivament.

(57) Matul dawk il-laqgħat ġew diskussi diversi kwistjonijiet, b'mod partikolari s-sorveljanza tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati mill-Pakistan, inkluż l-SMS tagħhom. Il-Kummissjoni talbet informazzjoni u evidenza biex tivverifika jekk sitwazzjoni simili mhijiex prevalenti f'oqsma oħra, bħal-liċenzjar tal-ekwipaġġ tal-kabina, il-liċenzjar tal-inġiniera tal-manutenzjoni, jew iċ-ċertifikazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru.

(58) L-informazzjoni skambjata mal-PCAA fis-16 ta' Marzu 2022 iffukat fuq l-eżitu taż-żjara reċenti tal-Programm Universali ta' Awditjar tas-Sorveljanza tas-Sikurezza ("USOAP") tal-ICAO. Il-Kummissjoni enfasizzat li se tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kontenut tar-rapport tal-awditjar sabiex jiġu ddeterminati l-passi li jmiss tal-proċess ta' konsultazzjoni tal-Lista tas-Sikurezza tal-Ajru tagħha stess. Matul il-laqgħa, il-PCAA pprovdiet ħarsa ġenerali lejn l-aspetti ewlenin tar-rapport, u impenjat ruħha li tikkondividi r-rapport mal-Kummissjoni meta jiġi ffinalizzat.

(59) Meta rċeviet ir-rapport, il-Kummissjoni setgħet tinnota li dan ma fih l-ebda indikazzjoni ta' oqsma li jeħtieġu azzjoni ta' rimedju immedjata. Madankollu, filwaqt li r-rapport jindika li l-biċċa l-kbira tal-elementi għall-eżekuzzjoni tar-responsabbiltajiet tal-PCAA jinsabu hemm, jinnota wkoll il-ħtieġa li l-PCAA temenda, tissupplimenta, jew ittejjeb il-gwida u l-proċeduri, b'mod partikolari fl-oqsma tal-liċenzjar tal-bdoti. Barra minn hekk, jinnota wkoll il-ħtieġa li l-leġislazzjoni nazzjonali tal-Pakistan tittejjeb billi jiġu inkorporati dispożizzjonijiet dwar il-politika ta' infurzar u dwar l-aċċess mingħajr restrizzjonijiet tal-persunal ta' spezzjoni biex tiġi żgurata sorveljanza effettiva.

(60) Abbażi tal-informazzjoni disponibbli u l-iskambji mal-PCAA, il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-isforzi tal-PCAA b'rabta mal-adozzjoni ta' CAP biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet tas-sikurezza identifikati. Il-Kummissjoni, bl-għajnuna tal-Aġenzija u l-Istati Membri, tinnota li, wara ż-żjara tal-USOAP tal-ICAO, il-Pakistan għaddej minn proċess ta' żvilupp kbir, li jinkludi bidliet fil-leġiżlazzjoni primarja tiegħu dwar l-avjazzjoni.

(61) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni, għall-fini li tiddetermina jekk hijiex meħtieġa azzjoni ulterjuri skont ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005, se tkompli tikkollabora mal-PCAA, u timmonitorja l-progress li jsir biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni tas-sorveljanza tas-sikurezza fil-Pakistan. Permezz ta' dawn l-attivitajiet ta' monitoraġġ kontinwu se jkun jista' jiġi deċiż meta għandha titwettaq żjara ta' valutazzjoni fuq il-post mill-Unjoni.

(62) F'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li bħalissa ma hemm l-ebda raġuni biex tiġi emendata l-lista tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mill-Pakistan.

(63) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fil-Pakistan mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa ta' dawk it-trasportaturi tal-ajru, skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

(64) Meta kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar is-sikurezza tiżvela riskji imminenti għas-sikurezza minħabba nuqqas ta' konformità mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti, jista' jkun li tkun meħtieġa azzjoni ulterjuri mill-Kummissjoni, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

Trasportaturi tal-ajru mir-Russja

(65) Fit-8 ta' April 2022, it-trasportaturi tal-ajru mir-Russja, li kienu operaw inġenju tal-ajru wieħed jew aktar minn dawk imsemmija fil-premessa 4 jew 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/594 ([12]), ġew inklużi fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/594.

(66) Fit-28 ta' April 2022, l-Aġenzija Federali Russa tat-Trasport bl-Ajru ("FATA") infurmat lill-Kummissjoni li hija tqis bħala infondata kwalunkwe allegazzjoni ta' ksur tal-istandards internazzjonali tal-avjazzjoni ċivili, kif ukoll kwalunkwe ħassib dwar is-sikurezza msemmi fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/594. Madankollu, il-FATA ma pprovdiet l-ebda informazzjoni biex issostni d-dikjarazzjoni tagħha.

(67) Bħala parti mill-attivitajiet ta' monitoraġġ kontinwu tagħha, il-Kummissjoni ddeterminat li hemm evidenza li t-trasportatur tal-ajru *I Fly* daħħal inġenji tal-ajru msemmija fil-premessa 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/594 fir-reġistru tal-inġenji tal-ajru tar-Russja, u li intenzjonalment opera dawn l-inġenji tal-ajru bi ksur tal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti. Id-dħul tal-inġenji tal-ajru fir-reġistru tar-Russja sar mingħajr il-kunsens tas-sidien, u mingħajr il-kollaborazzjoni sussegwenti relatata mas-sikurezza tal-Awtorità tal-Avjazzjoni Irlandiża, bħala l-Istat tar-Reġistru rikonoxxut għal dawn l-inġenji tal-ajru.

(68) F'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/594 u mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tikkunsidra li fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mir-Russja, jenħtieġ li tiġi emendata l-lista tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fi ħdan l-Unjoni, biex *I Fly* tiġi inkluża fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(69) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva tat-trasportaturi tal-ajru ċċertifikati mill-FATA mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa ta' dawk it-trasportaturi tal-ajru skont ir-Regolament (UE) Nru 965/2012.

Trasportaturi tal-ajru mis-Sudan t'Isfel

(70) Qatt ma ġew inklużi trasportaturi tal-ajru ċċertifikati fis-Sudan t'Isfel fl-Anness A jew B tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(71) F'dawn l-aħħar erba' snin seħħew erba' aċċidenti fatali, u diversi aċċidenti u inċidenti serji oħra fis-Sudan t'Isfel, li spiss kienu jinvolvu inġenji tal-ajru b'marki tar-reġistrazzjoni suspettużi.

(72) Fis-26 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni fetħet konsultazzjonijiet formali mal-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tas-Sudan t'Isfel ("SSCAA") skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 473/2006.

(73) Fl-iskambju ta' korrispondenza li rriżulta, l-SSCAA kkomunikat li ċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("AOC") ta' *South Sudan Supreme Airlines*, li l-inġenju tal-ajru tiegħu kien involut f'aċċident fatali, ġie sospiż, u li minħabba suspetti relatati mar-reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru involut f'dak l-aċċident, l-SSCAA kienet qed tirrieżamina l-operaturi tal-inġenji tal-ajru u l-AOCs kollha fil-pajjiż. Barra minn hekk, l-SSCAA ikkomunikat li kienu għaddejjin azzjonijiet ta' titjib fl-iżvilupp u rieżami tar-Regolamenti, tal-Manwali u tat-Taħriġ. Fil-5 ta' Novembru 2021 ġew ipprovduti dokumenti li jinkludu informazzjoni dwar il-Programm ta' Spezzjoni, Sorveljanza u Verifika tal-SSCAA, kif ukoll rapporti dwar ir-rieżami ta' ċerti trasportaturi tal-ajru u dwar inġenji tal-ajru rreġistrati barra mill-pajjiż li joperaw fis-Sudan t'Isfel.

(74) Fit-28 ta' Marzu 2022, l-SSCAA kkomunikat it-tweġibiet tagħha għall-kwestjonarju mibgħut mill-Kummissjoni fis-26 ta' Marzu 2021. Skont dan, l-SSCAA għad trid tiżviluppa u tniedi sistema ta' sorveljanza effettiva. Barra minn hekk, l-SSCAA tinnota li, filwaqt li ma ħarġet l-ebda liċenzja jew AOC, u li ma hemm l-ebda inġenju tal-ajru rreġistrat fil-pajjiż, l-SSCAA ħarġet permessi tal-operat bl-ajru lil inġenji tal-ajru rreġistrati barra mill-pajjiż biex joperaw fis-Sudan t'Isfel. Ma hemm l-ebda evidenza ta' xi attività ta' sorveljanza li twassal għall-ħruġ ta' tali permessi jew tal-monitoraġġ kontinwu rilevanti.

([12]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/594 tat-8 ta' April 2022 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 fir-rigward tal-lista ta' trasportaturi tal-ajru li huma pprojbiti milli joperaw jew li huma soġġetti għal restrizzjonijiet operattivi fl-Unjoni (ĠU L 114, 12.4.2022, p. 49).

(75) Fit-22 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni infurmat lill-SSCAA bl-intenzjoni tagħha li tqiegħed ir-rieżami tas-sitwazzjoni tas-sorveljanza tal-avjazzjoni ċivili fis-Sudan t'Isfel fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss tal-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE, u stiednet lill-SSCAA għal seduta ta' smigħ quddiem il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE fit-18 ta' Mejju 2022.

(76) Waqt is-seduta, l-SSCAA pprovdiet lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE b'ħarsa ġenerali tal-istruttura organizzattiva tagħha, u informazzjoni dwar id-daqs tal-industrija tal-avjazzjoni fis-Sudan t'Isfel. Hija ddeskriviet il-funzjonijiet tad-Direttorati differenti tal-SSCAA u r-responsabbiltajiet tagħhom, u pprovdiet informazzjoni ġenerali dwar il-persunal tal-awtorità. Hija spjegat li l-SSCAA għadha dipendenti ħafna fuq l-appoġġ tal-Aġenzija għas-Sorveljanza tas-Sikurezza u s-Sigurtà tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant (EAC-CASSOA - East African Community Civil Aviation Safety and Security Oversight Agency) għall-istabbiliment ta' regolamenti tal-avjazzjoni ċivili, u għall-iżvilupp ta' proċess ta' sorveljanza effettiva. F'dan ir-rigward, l-SSCAA nnotat li lesta tilqa' tajjeb kwalunkwe assistenza u appoġġ għall-isforzi tagħha.

(77) L-SSCAA kkonfermat li ma ħarġet l-ebda AOC, u għadha ma stabbilietx reġistru tal-inġenji tal-ajru. Madankollu, l-SSCAA għarrfet li, wara taħriġ li l-EAC-CASSOA se tipprovdi mit-23 ta' Mejju 2022, hija tistenna li tilħaq l-objettiv li tistabbilixxi reġistru tal-inġenji tal-ajru, u li tikseb il-kapaċità li tiċċertifika t-trasportaturi tal-ajru permezz tal-proċess ta' ċertifikazzjoni f'5 fażijiet skont il-gwida tal-ICAO.

(78) L-SSCAA għarrfet lill-Kummissjoni u lill-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE li ħarġet 24 permess tal-operat bl-ajru lil trasportaturi tal-ajru barranin, u li xi whud minn dawn it-trasportaturi tal-ajru awtorizzati jwettqu titjiriet domestiċi fil-pajjiż. Jidher li din hija l-unika attività ta' ċertifikazzjoni mwettqa mill-SSCAA. L-SSCAA ddeskriviet il-proċess għall-ħruġ ta' tali permessi, permezz ta' validazzjoni tal-AOCs, li jinkludi l-ispezzjoni tad-dokumentazzjoni u l-kontroll fiżiku tal-inġenji tal-ajru. Madankollu, din l-informazzjoni ġiet ipprovduta waqt is-seduta biss, u ma kienx possibbli li jiġi vverifikat kif jitwettaq il-proċess ta' validazzjoni.

(79) Waqt is-seduta, l-SSCAA pprovdiet ukoll eżempju ta' azzjoni ta' infurzar li ħadet kontra trasportatur tal-ajru barrani billi rrevokat il-permess tal-operat meta sabet li l-AOC tat-trasportatur tal-ajru kien ġie revokat mill-awtorità kompetenti tiegħu.

(80) Il-Kummissjoni u l-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE ħadu nota tal-fatt li ma hemm l-ebda trasportatur tal-ajru li l-SSCAA għandha responsabbiltajiet ta' sorveljanza regolatorja għalih, peress li ma ħarġet l-ebda AOC, u li l-operazzjonijiet tal-ajru kollha fil-pajjiż jitwettqu minn trasportaturi tal-ajru li l-AOC tagħhom inħareġ minn awtoritajiet barranin. B'konsegwenza ta' dan, filwaqt li jitqiesu l-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, ma hemm l-ebda trasportatur tal-ajru ċċertifikat mill-SSCAA li jista' jikkwalifika għal azzjoni fil-livell tal-Unjoni.

(81) Barra minn hekk, il-Kummissjoni u l-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE ħadu nota tad-dikjarazzjoni tal-SSCAA li ma għandhiex l-intenzjoni li toħroġ AOCs sakemm ikollha l-kapaċitajiet ta' ċertifikazzjoni u ta' sorveljanza, li jagħmluha kapaċi timplimenta u tinforza l-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti.

(82) F'konformità mal-kriterji komuni stabbiliti fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Kummissjoni tqis li fir-rigward tat-trasportaturi tal-ajru mis-Sudan t'Isfel, ma hemm l-ebda raġuni biex tiġi emendata l-lista tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni.

(83) Bħala parti mill-attivitajiet ta' monitoraġġ kontinwu tagħha, il-Kummissjoni se tkompli ssegwi mill-qrib is-sitwazzjoni tas-sikurezza fis-Sudan t'Isfel. Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE wasal għall-konklużjoni li jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari għas-sitwazzjoni tas-sikurezza u tal-iżviluppi tagħha fis-Sudan t'Isfel, u l-SSCAA għandha tintalab tipprovdi rapporti regolari dwar il-progress li jkun sar fir-rigward tal-istabbiliment ta' regolamenti tal-avjazzjoni ċivili, l-iżvilupp ta' proċess ta' sorveljanza tas-sikurezza effettiva, u l-kapaċità li jinħarġu l-AOCs. Fil-każ li l-Kummissjoni ssir taf b'riskju imminenti għas-sikurezza li jirriżulta minn nuqqas ta' konformità mal-istandards tas-sikurezza internazzjonali rilevanti, bħall-ħruġ ta' AOC fin-nuqqas ta' kapaċità adegwata ta' ċertifikazzjoni u ta' sorveljanza tal-SSCAA, tista' tkun meħtieġa azzjoni ulterjuri mill-Kummissjoni, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, bħall-impożizzjoni ta' projbizzjoni fuq l-operat tal-trasportaturi tal-ajru kkonċernati u l-inklużjoni tagħhom fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 474/2006.

(84) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 474/2006 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(85) Minħabba l-implikazzjonijiet tas-sikurezza, l-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 jagħrfu l-bżonn li jittieħdu deċiżjonijiet malajr u, meta jkun xieraq, b'urġenza. Għaldaqstant, huwa essenzjali li, sabiex jiġu mħarsa l-informazzjoni sensittiva kif ukoll il-pubbliku li jivvjaġġa, kwalunkwe deċiżjoni fil-kuntest tal-aġġornament tal-lista tat-trasportaturi tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni jew restrizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni tiġi ppubblikata u tidħol fis-seħħ minnufih wara l-adozzjoni tagħha.

(86) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru tal-UE stabbilit bl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 474/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Anness A huwa sostitwit bit-test fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(2) l-Anness B huwa sostitwit bit-test fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Ġunju 2022.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President,
Adina VĂLEAN
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

"ANNESS A

LISTA TA' TRASPORTATURI TAL-AJRU LI HUMA PPROJBITI MILLI JOPERAW FL-UNJONI, B'XI EĊĊEZZJONIJIET [1]

Isem l-entità legali tat-trasportatur tal-ajru kif indikat fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali tiegħu, jekk dan ikun differenti)	Numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("AOC") jew Numru tal-Liċenzja Operattiva	Dežinjatur bi tliet ittri tal-ICAO	Stat tal-Operatur
AVIOR AIRLINES	ROI-RNR-011	ROI	Il-Venezwela
BLUE WING AIRLINES	SRBWA-01/2002	BWI	Is-Suriname
IRAN ASEMAN AIRLINES	FS-102	IRC	L-Iran
IRAQI AIRWAYS	001	IAW	L-Iraq
MED-VIEW AIRLINE	MVA/AOC/10-12/05	MEV	In-Niġerja
AIR ZIMBABWE (PVT)	177/04	AZW	Iż-Żimbabwe
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Afganistan responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inklużi			**L-Afganistan**
ARIANA AFGHAN AIRLINES	AOC 009	AFG	L-Afganistan
KAM AIR	AOC 001	KMF	L-Afganistan
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Angola responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, ħlief *TAAG Angola Airlines* u *Heli Malongo*, inklużi			**L-Angola**
AEROJET	AO-008/11-07/17 TEJ	TEJ	L-Angola
GUICANGO	AO-009/11-06/17 YYY	Mhux magħruf	L-Angola
AIR JET	AO-006/11-08/18 MBC	MBC	L-Angola
BESTFLYA AIRCRAFT MANAGEMENT	AO-015/15-06/17YYY	Mhux magħruf	L-Angola
HELIANG	AO 007/11-08/18 YYY	Mhux magħruf	L-Angola
SJL	AO-014/13-08/18YYY	Mhux magħruf	L-Angola
SONAIR	AO-002/11-08/17 SOR	SOR	L-Angola
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Armenja responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inklużi			**L-Armenja**
AIRCOMPANY ARMENIA	AM AOC 065	NGT	L-Armenja
ARMENIA AIRWAYS	AM AOC 063	AMW	L-Armenja
ARMENIAN HELICOPTERS	AM AOC 067	KAV	L-Armenja

[1] It-trasportaturi tal-ajru mniżżlin fl-Anness A jistgħu jitħallew jeżerċitaw id-drittijiet tat-traffiku billi jużaw inġenji tal-ajru mikrijin bl-ekwipaġġ mingħand trasportatur tal-ajru li mhuwiex soġġett għal projbizzjoni fuq l-operat, diment li jkun hemm konformità mal-istandards tas-sikurezza rilevanti.

FLYONE ARMENIA	AM AOC 074		L-Armenja
NOVAIR	AM AOC 071	NAI	L-Armenja
SHIRAK AVIA	AM AOC 072	SHS	L-Armenja
SKYBALL	AM AOC 073	Mhux applikabbli	L-Armenja
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Kongo (Brazzaville) responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż			**Il-Kongo (Brazzaville)**
CANADIAN AIRWAYS CONGO	CG-CTA 006	TWC	Il-Kongo (Brazzaville)
EQUAFLIGHT SERVICES	CG-CTA 002	EKA	Il-Kongo (Brazzaville)
EQUAJET	RAC06-007	EKJ	Il-Kongo (Brazzaville)
TRANS AIR CONGO	CG-CTA 001	TSG	Il-Kongo (Brazzaville)
SOCIETE NOUVELLE AIR CONGO	CG-CTA 004	Mhux magħruf	Il-Kongo (Brazzaville)
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż			**Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)**
AIR FAST CONGO	AAC/DG/OPS-09/03	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
AIR KATANGA	AAC/DG/OPS-09/08	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
BUSY BEE CONGO	AAC/DG/OPS-09/04	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
COMPAGNIE AFRICAINE D'AVIATION (CAA)	AAC/DG/OPS-09/02	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
CONGO AIRWAYS	AAC/DG/OPS-09/01	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
KIN AVIA	AAC/DG/OPS-09/10	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
MALU AVIATION	AAC/DG/OPS-09/05	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
SERVE AIR CARGO	AAC/DG/OPS-09/07	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)

SWALA AVIATION	AAC/DG/OPS-09/06	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
MWANT JET	AAC/DG/OPS-09/09	Mhux magħruf	Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Djibouti responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż			**Il-Djibouti**
DAALLO AIRLINES	Mhux magħruf	DAO	Il-Djibouti
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Guinea Ekwatorjali responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż			**Il-Guinea Ekwatorjali**
CEIBA INTERCONTINENTAL	2011/0001/MTTCT/DGAC/SOPS	CEL	Il-Guinea Ekwatorjali
CRONOS AIRLINES	2011/0004/MTTCT/DGAC/SOPS	Mhux magħruf	Il-Guinea Ekwatorjali
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Eritrea responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż			**L-Eritrea**
ERITREAN AIRLINES	AOC Nru 004	ERT	L-Eritrea
NASAIR ERITREA	AOC Nru 005	NAS	L-Eritrea
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Kirgistan responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż			**Il-Kirgistan**
AEROSTAN	*08*	*BSC*	Il-Kirgistan
AIR COMPANY AIR KG	50	Mhux magħruf	Il-Kirgistan
AIR MANAS	17	MBB	Il-Kirgistan
AVIA TRAFFIC COMPANY	23	AVJ	Il-Kirgistan
FLYSKY AIRLINES	53	FSQ	Il-Kirgistan
HELI SKY	47	HAC	Il-Kirgistan
KAP.KG AIRCOMPANY	52	KGS	Il-Kirgistan
SKY KG AIRLINES	41	KGK	Il-Kirgistan
TEZ JET	46	TEZ	Il-Kirgistan
VALOR AIR	07	VAC	Il-Kirgistan
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Liberja responsabbli għas-sorveljanza regolatorja.			**Il-Liberja**

It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Libja responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż			**Il-Libja**
AFRIQIYAH AIRWAYS	007/01	AAW	Il-Libja
AIR LIBYA	004/01	TLR	Il-Libja
AL MAHA AVIATION	030/18	Mhux magħruf	Il-Libja
BERNIQ AIRWAYS	032/21	BNL	Il-Libja
BURAQ AIR	002/01	BRQ	Il-Libja
GLOBAL AIR TRANSPORT	008/05	GAK	Il-Libja
HALA AIRLINES	033/21	HTP	Il-Libja
LIBYAN AIRLINES	001/01	LAA	Il-Libja
LIBYAN WINGS AIRLINES	029/15	LWA	Il-Libja
PETRO AIR	025/08	PEO	Il-Libja
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tan-Nepal responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż			**In-Nepal**
AIR DYNASTY HELI. S.	035/2001	Mhux magħruf	In-Nepal
ALTITUDE AIR	085/2016	Mhux magħruf	In-Nepal
BUDDHA AIR	014/1996	BHA	In-Nepal
FISHTAIL AIR	017/2001	Mhux magħruf	In-Nepal
SUMMIT AIR	064/2010	Mhux magħruf	In-Nepal
HELI EVEREST	086/2016	Mhux magħruf	In-Nepal
HIMALAYA AIRLINES	084/2015	HIM	In-Nepal
KAILASH HELICOPTER SERVICES	087/2018	Mhux magħruf	In-Nepal
MAKALU AIR	057A/2009	Mhux magħruf	In-Nepal
MANANG AIR PVT	082/2014	Mhux magħruf	In-Nepal
MOUNTAIN HELICOPTERS	055/2009	Mhux magħruf	In-Nepal
PRABHU HELICOPTERS	081/2013	Mhux magħruf	In-Nepal
NEPAL AIRLINES CORPORATION	003/2000	RNA	In-Nepal
SAURYA AIRLINES	083/2014	Mhux magħruf	In-Nepal
SHREE AIRLINES	030/2002	SHA	In-Nepal
SIMRIK AIR	034/2000	Mhux magħruf	In-Nepal
SIMRIK AIRLINES	052/2009	RMK	In-Nepal
SITA AIR	033/2000	Mhux magħruf	In-Nepal
TARA AIR	053/2009	Mhux magħruf	In-Nepal
YETI AIRLINES	037/2004	NYT	In-Nepal

It-trasportaturi tal-ajru kollha li ġejjin iċċertifikati mill-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza regolatorja tar-Russja			**Ir-Russja**
AURORA AIRLINES	486	SHU	Ir-Russja
AVIACOMPANY "AVIASTAR-TU" CO. LTD	458	TUP	Ir-Russja
IZHAVIA	479	IZA	Ir-Russja
JOINT STOCK COMPANY "AIR COMPANY "YAKUTIA"	464	SYL	Ir-Russja
JOINT STOCK COMPANY "RUSJET"	498	RSJ	Ir-Russja
JOINT STOCK COMPANY "UVT AERO"	567	UVT	Ir-Russja
JOINT STOCK COMPANY SIBERIA AIRLINES	31	SBI	Ir-Russja
JOINT STOCK COMPANY SMARTAVIA AIRLINES	466	AUL	Ir-Russja
JOINT-STOCK COMPANY "IRAERO" AIRLINES	480	IAE	Ir-Russja
JOINT-STOCK COMPANY "URAL AIRLINES"	18	SVR	Ir-Russja
JOINT–STOCK COMPANY ALROSA AIR COMPANY	230	DRU	Ir-Russja
JOINT-STOCK COMPANY NORDSTAR AIRLINES	452	TYA	Ir-Russja
JS AVIATION COMPANY "RUSLINE"	225	RLU	Ir-Russja
JSC YAMAL AIRLINES	142	LLM	Ir-Russja
LLC "NORD WIND"	516	NWS	Ir-Russja
LLC "AIRCOMPANY IKAR"	36	KAR	Ir-Russja
LTD. I FLY	533	RSY	Ir-Russja
POBEDA AIRLINES LIMITED LIABILITY COMPANY	562	PBD	Ir-Russja
PUBLIC JOINT STOCK COMPANY "AEROFLOT - RUSSIAN AIRLINES"	1	AFL	Ir-Russja
ROSSIYA AIRLINES, JOINT STOCK COMPANY	2	SDM	Ir-Russja
SKOL AIRLINE LLC	228	CDV	Ir-Russja
UTAIR AVIATION, JOINT-STOCK COMPANY	6	UTA	Ir-Russja
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet ta' Sao Tome u Príncipe responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż			**São Tomé u Príncipe**

AFRICA'S CONNECTION	10/AOC/2008	ACH	São Tomé u Príncipe
STP AIRWAYS	03/AOC/2006	STP	São Tomé u Príncipe
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet ta' Sierra Leone responsabbli għas-sorveljanza regolatorja			**Sierra Leone**
It-trasportaturi tal-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tas-Sudan responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inkluż			**Is-Sudan**
ALFA AIRLINES SD	54	AAJ	Is-Sudan
BADR AIRLINES	35	BDR	Is-Sudan
BLUE BIRD AVIATION	11	BLB	Is-Sudan
ELDINDER AVIATION	8	DND	Is-Sudan
GREEN FLAG AVIATION	17	GNF	Is-Sudan
HELEJETIC AIR	57	HJT	Is-Sudan
KATA AIR TRANSPORT	9	KTV	Is-Sudan
KUSH AVIATION CO.	60	KUH	Is-Sudan
NOVA AIRWAYS	46	NOV	Is-Sudan
SUDAN AIRWAYS CO.	1	SUD	Is-Sudan
SUN AIR	51	SNR	Is-Sudan
TARCO AIR	56	TRQ	Is-Sudan"

ANNESS II

"ANNESS B

LISTA TAT-TRASPORTATURI TAL-AJRU LI HUMA SOĠĠETTI GĦAL RESTRIZZJONIJIET OPERATTIVI FL-UNJONI [1]

Isem l-entità legali tat-trasportatur tal-ajru kif indikat fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali tiegħu, jekk dan ikun differenti)	Numru taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru ("AOC")	Dežinjatur bi tliet ittri tal-ICAO	Stat tal-Operatur	Tip ta' inġenju tal-ajru soġġett għal restrizzjoni	Marka/i tar-reġistrazzjoni u, meta jkun(u) disponibbli, in-numru/i tas-serje tal-kostruzzjoni tal-inġenju tal-ajru soġġett għal restrizzjoni	Stat tar-reġistrazzjoni
IRAN AIR	FS100	IRA	L-Iran	L-inġenji tal-ajru kollha tat-tip Fokker F100 u tat-tip Boeing B747	L-inġenji tal-ajru tat-tip Fokker F100 kif imsemmi fl-AOC; l-inġenji tal-ajru tat-tip Boeing B747 kif imsemmi fl-AOC	L-Iran
AIR KORYO	GAC-AOC/ KOR-01	KOR	Il-Korea ta' Fuq	Il-flotta kollha bl-eċċezzjoni ta': żewġ inġenji tal-ajru tat-tip TU-204.	Il-flotta kollha bl-eċċezzjoni ta': P-632, P-633.	Il-Korea ta' Fuq"

[1] It-trasportaturi tal-ajru mniżżlin fl-Anness A jistgħu jitħallew jeżerċitaw id-drittijiet tat-traffiku billi jużaw inġenji tal-ajru mikrijin bl-ekwipaġġ mingħand trasportatur tal-ajru li mhuwiex soġġett għal projbizzjoni fuq l-operat, diment li jkun hemm konformità mal-istandards tas-sikurezza rilevanti.